# Werrej


| | |
|---|---|
| 1. L-Għadd tan-Nom | 6 |
| 2. Il-Pronom | 14 |
| 3. Il-Pronom Mehmuż | 24 |
| 4. Il-Verb Trilitteru u Kwadrilitteru | 33 |
| 5. Il-Verb Ewlieni u Mnissel | 45 |
| 6. Il-Verb Sħiħ u Dgħajjef | 60 |
| 7. Il-Verb ta' Nisel Barrani | 70 |
| 8. In-Negattiv | 84 |

# Qabel tibda taħdem ... ftit informazzjoni fuq il-ktieb.

Dan il-ktieb huwa ktieb prattiku u sempliċi b'eżerċizzji differenti tal-grammatika. Uħud minnhom huma ħfief u wħud jirrikjedu ftit iktar ħsieb. B'kollox jittratta tmien punti tal-grammatika li huma:

- l-Għadd tan-Nom
- il-Pronom
- il-Pronom Mehmuż
- il-Verb Trilitteru u Kwadrilitteru
- il-Verb Ewlieni u Mnissel
- il-Verb Sħiħ u Dgħajjef
- il-Verb ta' Nisel Barrani
- in-Negattiv

L-ispjegazzjoni ta' kull punt grammatikali tista' ssibha fil-ktieb **2.mt** u tista' wkoll taraha fil-kuntest jew aħjar fl-istejjer li jkun hemm fl-istess taqsima. Dan il-ktieb għandu jgħinek fit-taħriġ grammatikali li huwa komponent importanti f'kull lingwa.

Fost l-eżerċizzji li se tiltaqa' magħhom f'dan il-ktieb hemm:

- Imla l-vojt
- Agħżel il-kelma t-tajba
- Fittex u sib
- Aqra u mmarka t-tajba
- Aħseb u ikteb
- Ikkonjuga l-Verbi

It-tweġibiet tista' tweġibhom fuq il-ktieb stess jew inkella fuq il-karti tal-fajl tal-Malti. Tista' tweġibhom waħdek jew ma' sħabek. Tista' titlob l-għajnuna tal-ġenituri jew tal-għalliema. Tista' tweġibhom kollha jew inkella twieġeb biss ftit minnhom. Dan kollu jiddependi minnek u minn kemm għandek għal qalbek il-grammatika Maltija. Nista' nassigurak li mhuwiex ktieb li se jdejqek. U naħseb li malli tibda taħdem, ma tkunx trid titilqu minn idejk!

**Clare Azzopardi**

# 1. L-Għadd tan-Nom

**1. Ħejji insalata tal-frott ma' Caprice.**

Caprice stiednet lil sħabha d-dar waqt li l-ġenituri tagħha marru t-tieġ tal-ġara. Hi ddeċidiet li tagħmlilhom insalata tal-frott. Għin lil Caprice billi toħroġ **il-Farrad Waħdieni** mil-lista ta' frottipprovduta.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. bajtar | *bajtra* | 9. laringġ | |
| 2. bettieħ | | 10. mandolin | |
| 3. dulliegħ | | 11. naspli | |
| 4. frawli | | 12. lumi | |
| 5. għajnbaqar | | 13. berquq | |
| 6. għeneb | | 14. rummien | |
| 7. ħawħ | | 15. tin | |
| 8. lanġas | | 16. tuffieħ | |

**2. Żewweġ u bewweġ! Sib il-par ta' Farrad Waħdieni f'kull sett.**

1. *għenba*, larinġ, tuffiħat, *ħawħa*, frott
2. tursina, nagħniegħ, merqtux, ħabqa, karfusiet
3. frak, felula, familja, fula, fuħħar
4. ħjara, spinaċi, basla, rummien, faqqiegħ
5. kappara, ftira, tadam, kunserva, żebbuġa
6. brunġiela, bżar aħdar, bajtar, qarabagħlija, bżar aħmar
7. nemusa, dubbien, żunżana, wirdien, nemel
8. kaboċċa, ġdur, tewm, qaqoċċ, pastarda
9. piżelli, zunnarija, bużbież, fidloqqom, ħassa
10. għadma, soppa, deżerta, ħobża, għaġin
11. ċagħaq, rħama, ramel, ċomba, bajja
12. warda, narċis, ġiżimina, qronfol, kriżantemi
13. qatran, injam, ħadida, plastik, ħġieġa
14. zokkra, melħ, xewka, tifla, bżar
15. blata, ħatab, ċagħka, melħ, żonqor
16. bajda, ħalib, frotta, ċereali, ġobon
17. kejk, frawla, kassatella, pudina, ħelwa
18. nuċipriska, berquqa, tin, bajtar, ħawħ
19. ġewż, San Martin, qastna, lewż, tina
20. prezzjuża, ġebla, ħaġra, unika, sabiħa

**3. X'se tiekol għall-ikel?**



Ħares lejn ir-ritratt u niżżel fl-ispazju ftit mill-frott u ikel li hemm fuq din il-mejda. Importanti li jkollok għaxar eżempji ta' **Farrad Waħdieni.** Ladarba tagħmel dan, agħti **l-Kollettiv** ta' kull waħda.

| **Il-Farrad Waħdieni** | **Il-Kollettiv** |
|---|---|
| 1. *tuffieħa* | 1. *tuffieħ* |
| 2. ______ | 2. ______ |
| 3. ______ | 3. ______ |
| 4. ______ | 4. ______ |
| 5. ______ | 5. ______ |
| 6. ______ | 6. ______ |
| 7. ______ | 7. ______ |
| 8. ______ | 8. ______ |
| 9. ______ | 9. ______ |
| 10. ______ | 10. ______ |